MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 118/2003

**Piju sive Pinu u Francesca konjugi Bugeja**
**u**
**Mario u Silvana konjugi Bugeja**

**vs**

**Pawlu Mercieca**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi fis-27 ta’ Awwissu 2003 ghal habta tat-8.30a.m. il-konvenut deliberatament u bl-intenzjoni specifika li jaghmel hsara, ghadda bir-romblu tat-tractor minn fuq pipe tal-plastic li kien hemm jaqsam triq kampestri u li huwa proprjeta’ tal-atturi u kkaguna kemm jiswa fl-ammont ta’ mija u erba u ghoxrin lira (Lm124) f’danni, kif jirrisulta mill-anness certifikat tal-perit tekniku Edward Scerri, markat Dokument A.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux (1) jigi ikkundannat ihallas id-danni likwidati fl-ammont ta' mija u erba u ghoxrin lira (Lm124) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat arbitrio bono viri minn dan it-Tribunal.
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tat-30 ta' Awwissu 2003 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.
Bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Ra r-risposta:

"1. Illi l-eccipjenti mhuwiex responsabbli ghall-hsara allegatament sofferta mill-atturi;

2. Illi kienu l-atturi jew min minnhom li bl-agir taghhom taw okkazjoni ghall-hsara li allegatament giet sofferta minnhom stess meta ttraversaw il-pipe tal-ilma ta' diametru ta' madwar sitt pulzieri minn fuq il-wicc tat-triq pubblika u minn quddiem l-entrata li l-eccipjenti ghandu dritt jghaddi minnha bi xkiel ghall-eccipjenti u ghal bdiewa ohra li jghaddu minn hemm bl-ingenji taghhom, u ghamlu dan minghajr ma hadu l-prekawzjonijiet mehtiega biex la jkun ta' xkiel ghal min ghandu jghaddi u lanqas biex ma tkun tista' ssir ebda hsara lil dan il-pipe. Ghaldaqstant it-talba ghall-hlas ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-atturi;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Sema' l-provi mressqa mill-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Jirrizulta li originarjament l-attur kellu pipe ghall-ilma ghaddej fil-gemb tat-triq u jaqsam l-entratura ta'diversi ghelieqi, fosthom l-ghalqa tal-konvenut. Il-parti tal-pipe li kienet ghaddejja quddiem l-entratura tal-konvenut kienet mirduma. Billi l-atturi kien jinhtiegilhom jaghmlu pipe ehxen, huma ghaddew pipe iehor twil circa 150 metru li hallewh fil-wicc tat-triq. Il-konvenut dahal u hareg mill-ghalqa tieghu b'mutur tal-mohriet bis-sikek ossia l-imghzaq tieghu imnizzlin (*ex admissis* mid-deposizzjoni

tieghu stess a fol 27 apparti x-xhieda okulari) u talbilfors kellu jghaddi minn fuq it-tieni pipe, b'mod li allegatament ghamel hsara lil dan il-pipe. Wara l-incident, l-attur radam il-pipe il-gdid biss f'dik il-parti tieghu li taqsam l-entrata tal-ghalqa tal-konvenut izda xorta wahda hallieh mikxuf fil-postijiet l-ohrajn imnejn jghaddi l-pipe minn fuq proprjeta' ta' terzi.

Il-konvenut, fid-deposizzjoni tieghu (fol 27) jichad kategorikament li ghamel hsara lill-pipe. Huwa qal testwalment hekk: *jien ma nafx li ghamilt xi hsara lil dan il-pipe. Ma rajt l-ebda ilma hiereg minnu. L-entratura fejn hemm il-pipe hemm rampa li minnha nghaddi biss jiena.* A *tempo vergine* pero' huwa kien stqarr prattikament il-maqlub: fl-istqarrija li ghamel lill-pulizija qal li *malli tlajt fuq il-pipe il-mohriet li kien bl-imghazaq harabli u dar dawra fuqu u nahseb li gratlu xi hsara* (fol 57). Fir-risposta tieghu ghall-avviz tat-talba, imbaghad (fol 11) il-konvenut ma jichadx li kkawza l-hsara lill-pipe. Huwa' sempliciment jichad ir-responsabilita' ghal din il-hsara, imbaghad donnu jispecifika r-raguni ghal din ic-cahda mhux billi jichad bhala fatt li ddanneggja lill-pipe, imma billi jatribwixxi s-sinistru ghan-negligenza tal-atturi li poggew il-pipe mikxuf quddiem l-entratura b'mod li jfixkel lil min jidhol u johrog mill-ghalqa.

Fl-istess risposta l-konvenut jghid li mill-entratura jghaddu kemm hu kif ukoll bdiewa ohrajn; fid-deposizzjoni tieghu jghid li jghaddi hu biss.

Fid-dawl tas-suesposti kontradizzjonijiet tal-konvenut, dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda esitazzjoni li jiskarta l-verzjoni tal-konvenut (sia maghmula tardivament, u b'nofs qalb) li ma kkawzax materjalment il-hsara hu bhala wahda ghal kollox inattenibbli.

Skartata din id-difiza, jibqa' d-difiza l-ohra, li certament hija dik ewlenija, fis-sens li, ghalkemm il-hsara, giet materjalment ikkawzata mill-konvenut, ir-responsabilta' ghal din il-hsara hija attribwibbli esklussivament lill-atturi billi dawn holqu xkiel ghal-liberu access tal-konvenut ghall-ghalqa tieghu.

Il-konvenut filwaqt li jammetti li ma nehhiex is-sikek qabel ghadda minn fuq il-pipe, jghid li bilfors kellu juzahom ghax altrimenti ma kienx ikun kapaci jghaddi minn fuqu bir-roti (ara fol 27 tal-process) – haga li stranament ma jghidx *a tempo vergine.* Huwa jghid ukoll li kien talab lill-atturi biex jordmu il-pipe - haga smentita mill-attur Mario Bugeja. (fol 23).

It-Tribunal mhux konvint li l-konvenut ma setghax jaccedi ghall-ghalqa tieghu minghajr ma jaghmel hsara lill-pipe ghar-ragunijiet segwenti:

1. id-diversi nkonsistenzi fix-xhieda tal-konvenut li jdghajjfu ferm il-kredibilita' tieghu

2. il-fatt li l-pipe kemm l-antik kif ukoll il-gdid intradmu biss fil-parti ta' quddiem l-ghalqa tal-konvenut, u mhux ukoll fil-parti li tghaddi quddiem diversi ghelieqi ta' terzi, li bla dubbju juzaw l-istess tip ta ingenji li juza l-konvenut biex jikkoltivaw l-ghelieqi taghhom. Bin l-attur jafferma – u f'dan ma giex kontradett - li anke jekk wiehed jghaddi bis-sikek minn fuq il-pipe, imma bil-galbu, dan ma tigrilux hsara

3. il-fatt mhux ikkontestat li hemm tilwim serju bejn il-partijiet kontendenti li anke spicca fi proceduri kriminali

4. il-fatt li l-konvenut irrifjuta l-ghajnuna tal-haddiema tal-Gvern li kienu vicin. It-Tribunal ma jsibhiex minn lewn id-dinja li ma semghax lil dawn il-haddiem joffrulu l-ghajnuna meta dawn kienu biss circa hamsa u ghoxrin pied 'il boghod minnu.

Stabbiliti dawn ir-rizultanzi, it-Tribunal issa sejjer jghaddi biex jiccita fil-qosor id-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli u kif dawn japplikaw ghall-kaz.

Kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser

xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk (Art 1033 Kap 16). Apparti disposizzjonijiet applikabbli ghal sitwazzjonijiet specifici, il-ligi, b'mod generali tqis fi htija kull min fl-ghemil tieghu ma juzax il-prudenza, id-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja (Art 1032 Kap 16). Tant il-ligi hija geluza li dejjem tintuza d-debita diligenza biex ma ssirx hsara lil haddiehor, li sahansitra anke min jaghmel uzu minn jedd tieghu, izda mhux fil-qies li jmiss, iwiegeb ghall-hsara li tigri b'dan l-uzu (Art 1030 Kap 16).

Min-naha l-ohra hemm imbaghad ordnat li jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta'diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, hija tkun responsabbli proporzjonalment ghal tali nuqqas (Art 1051 Kap 16).

X'inhi l-kondotta xierqa tvarja infinitament skond ic-cirkostanzi tal-hajja. Id-dritt Ruman holoq kategoriji ta' cirkostanzi li fihom l-agent kien jitqies responsabbli ghad-danni. Izda l-kodici taghna, li f'dan ir-rigward isegwi l-Kodici Napoleoniku, irrigetta dan il-metodu restrittiv u jzomm responsabbli lil kull agent ta' fatt li jikkawza l-hsara bi htija tieghu. Dan jitfa' responsabilita' kbira fuq il-gudikant: *C'est alors au juge qu'il incombe de dire quels acts sont fautifs, en dehors des cas ou' la loi condanne elle-meme un acte, soit expressement, soit en lui attachant una sanction penale ou civile. Le juge a recu la mission de dire quelle conduite nous devons tenir dan toutes le circostances de la vie ou' nous sommes exposes a' causer prejudice a' autrui*. *Il est remarquable qu'un tel pouvoir lui appartienne dans une legislation codifiee.*(Planiol et Ripert, *Traite' Pratique de Droit Civil Francais, Vol 6, para 505*).

It-Tribunal, wara li rrifletta fit-tul dwar ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, wasal ghall-konkluzjoni li l-kawza prossima tal-incident kien l-agir negligenti, jekk mhux ukoll volutament doluz, tal-konvenut. Ghalkemm hu minnu li kien l-attur li pogga l-pipe mikxuf imnejn kien jaccedi l-konvenut, u koncess lill-konvenut id-dritt li jghaddi ghal go hwejjgu bla tfixkil, ma jistax jinghad li l-konvenut ma setax jevita l-

incident bi ftit tal-prudenza billi jnehhi l-imghazaq minn mal-mohriet, jew almenu jghaddi minn fuqu bil-galbu. Jista' jinghad kemm li l-konvenut m'uzax id-debita diligenza, kif ukoll li konvenut m'uzax il-jedd tieghu fil-qies li jmiss. Kif inghad fil-*leading case* Ingliz *Davies v Mann* (ara *Street on Torts – 1988 pagna 240*), fejn l-attur negligentement halla l-hmara tieghu marbuta minn saqajha ta' quddiem fuq il-*highway*, u l-konvenut tajjarha u qatilha ghax kien qieghed isuq b'velocita' eccessiva, u kellu kull opportunita li jinduna biha fil-hin, l-attur ma kellu l-ebda tort ghax nonostante n-negligenza tieghu (tal-attur) il-konvenut xorta wahda seta' evita l-konsegwenzi ta' dik in-negligenza. Kif spjega Evershed LJ fi *Davies v Swan Motor Co (Swansea) Ltd: As I understand the Davies v Mann principle.. it is this: in that case the plaintiff's negligence or fault consisted in placing the donkey upon the highway; but it having been observed in due time by the defendant…. The negligence of the plaintiff had really caesed to be an operating factor in the collision…. The plaintiff… as a negligent actor, was at the material time, <u>functus officio</u>, one might say <u>functus culpa</u>* (op cit pagna 241).

Hija rrilevanti ghall-fini biex tigi stabbilita din ir-responsabilita', jekk il-konvenut ghamilx il-hsara apposta (kif jallega l-attur fl-avviz tat-talba tieghu) jew b'mera negligenza. It-Tribunal m'ghandux dubbju li l-konvenut ikkawza l-hsara apposta biex jinki lill-attur. Izda anke kieku kien hemm mera negligenza, l-azzjoni tal-atturi tirnexxi ugwalment ghax quddiem it-Tribunal din xorta wahda taghti lok ghad-danni.

Dwar il-quantum tad-danni ma kienx hemm kontestazzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM124 ammont ta' danni minnu kkawzati lill-attur. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja ta' Awwissu 2003 a kariku tal-konvenut, u bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------